51/95/IV.
670

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

MINISTRY FOR JUSTICE
AND LOCAL GOVERNMENT

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

*Local Councils Department*

LCD 65/1994/III
LCD 13/1994/VI

22 ta' Marzu 2001

Lis-Sindki u
Lis-Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

26 MAR 2001
acknowledged
26/3
007613

**Memo 19/2001**

Wara laqgħat ma' l-Awditur Ġenerali, dan id-Dipartiment ħass il-ħtieġa li jerġa jfakkar kif għandhom jiġu ttrattati l-*ispecial programmes* fis-sistema tas-SAGE:

Taħt l-*Ispecial Programmes,* għandhom jitniżżlu il-Proġetti Kapitali kollha. Kull Proġett jingħata *Account* separat li jkun jibda bin-numri 75XX. F'dan l-*Account* iridu jiddaħħlu l-ispejjeż kollha relatati ma' dan il-proġett (per eżempju, għamara tat-toroq, pavimentar, eċċ). Dan huwa importanti għaliex b'hekk Kunsill ikun jaf eżatt kemm swielu it-tali proġett. Ir-rata ta' *depreciation* għal l-*ispecial programmes* hija ta' 10%.

Meta Proġett ikun iffinanzjat mill-Fondi Speċjali, il-Proġett m'għandux ikun iddeppezzat *(depreciated)* imma l-ammont minfuq mill-fondi speċjali għandu jiġi trasferit mill-*iSpecial Needs Creditor Account* għal *Grants Special Needs Account* (8090) u jiġi awtomatikament maqtugħ (*written off)* kontra il-*Grant.*

Meta dawn il-Proġetti jitniżżlu fil-*Fixed Asset Register* hu importanti li ssir distinzzjoni bejn dawk imħallsa mil-fondi normali u dawk imħallsa mill-fondi speċjali:

1. Meta l-flus ikunu mħallsa mill-fondi normali, ir-rata ta' deprezzament *(depreciation)* għandha tkun ta' 10% bil-metodu tar-*Reducing Balance.* Il-*Cost* u *Net Book Value* iridu jkunu l-istess meta dawn jiddaħħlu fir-reġistru l-ewwel darba;

"Chateau de la Ville", 21, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904

2. Meta l-flus ikunu mħallsa mill-fondi għal ħtiġiet speċjali, ir-rata tad-*depreciation* ukoll għandha tkun ta' 10% (*is-Sage* ma jaċċettax 0%). Imma f'dan il-każ, filwaqt li l-*Cost* tal-Proġett jitniżżel bħala kemm sewa attwalment, ġaladarba l-*asset* ser jinqata' kontra il-*Grant*, u l-ebda *depreciation* m'hi ser titnaqqas, in-*Net Book Value* ser ikun zero.

Silvio Frendo
għad-Direttur (Kunsilli Lokali)

kopja: Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)